**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 240/14 AL

**A B**

**vs**

**C D, R D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-18 ta' Frar 2015 C D giet mahtura bhala kuratrici ad litem biex tirrapprezenta lill-minuri J D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi huwa jghix ma C D u ghandu relazzjoni intima maghha liema relazzjoni ilha ghal dawn l-ahhar snin;
2. Illi minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri J D (Dok A);
3. Illi l-istess C D isseparat minn zewgha R D permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber tal-15 ta' Settembru 2011 (Dok B);
4. Illi peress li l-minuri twieled fl-1 ta' Jannar 2012 ma kienx ghadda zmien bizzejjed mid-data tas-separazzjoni u l-minuri J nizel fuq isem R D, l-ex konjugi ta' C D;

5. Illi l-attur u C D li ilhom jghixu flimkien, rabbew flimkien lil minuri J u l-attur dejjem mantnih u ha hsieb it-trobbija tieghu;
6. Illi l-attur jixtieq li ibnu naturali J ikollu b'mod legali min hu verament missieru;
7. Illi l-esponenti accerta ruhhu mill-paternita tal-minuri J permezz ta' DNA testing li kopja tar-rapport ser jigi pprezentat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri J D li twieled nhar l-1 ta' Jannar 2012 (Dok A);
(2) Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J P li jgib in-numru tar-registrazzjoni 381/2012 (Dok A) biex taht il-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid" jidhlu l-istess konnotati tal-attur u cioe' "A B (Pieta, Malta)" u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel tali tibdiliet u tibdil iehor li jista jkun mehtieg kif ordnat minn din il-Qorti f'dan l-att u f'atti ohra relatati u sussegwenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ta' R D, li permezz taghha iddikjara illi huwa ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-talba kif dedotta mir-rikorrenti attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri J D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jistieden lir-rikorrent stess A B sabiex pemezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-identita' tieghu, (2) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri J D, (3) il-post fejn twieled, (4)

il-post ta’ residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta’ missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel J D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit J D bin-numru ta’ registrazzjoni progessiv 381 tas-sena 2012;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f’kaz li jintlaqghu it-talbiet tar-rikorrenti il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b’mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri J D a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejejz tal-kawza istanti;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, l-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri J D jigi emendat fis-sens li missier l-istess minuri ma jibqax jidher bhala R D izda l-wild naturali tal-attur stess A B. Min-naha tieghu, R D ma jopponix ghat-talba tal-attur u jikkonferma li l-minuri m’huwiex ibnu. C D, waqt l-udjenza ta’ nhar il-25 ta’ Marzu 2015 tammetti t-talbiet attrici.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri J D twieled nhar l-1 ta' Jannar 2012[1] u cioe' kwazi wara erba' xhur mid-data li permezz taghha l-intimata C D u l-intimat R D sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku, liema kuntratt igib id-data tal-15 ta' Settembru 2011 pubblikat min-Nutar Dr. Patricia Vella Haber[2].

L-attur kemm permezz tar-rikors guramentat tieghu kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu[3] jiddikjara li l-minuri J D huwa frott tar-relazzjoni li kellu u ghad ghandu mal-intimata C D u jzid jghid li huwa biss ghal ragunijiet purament legali li l-istess minuri ma giex registrat bhala l-wild naturali tieghu. Dan gara stante li ma kienux ghaddew 300 gurnata mid-data ta' separazzjoni bejn l-intimata C D u l-intimat R D.

Dan kollu huwa kkorraborat mid-DNA test esebit in atti[4] u li permezz tieghu gie konfermat li l-minuri J huwa verament il-wild naturali tal-attur A B.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni li ddur fuq il-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti tirrileva li l-attur irnexxielu jipprova t-talbiet tieghu u dan stante li apparti li l-partijiet qieghdin jaqblu fuq il-paternita' tal-minuri, dan huwa wkoll ikkonfermat mit-test tad-DNA esebit in atti li juri verament li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat R D imma l-wild naturali tal-attur A B;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li l-attur jipprezenta nota[5] li permezz taghha jiddikjara li meta twieled il-minuri J kellu 47 sena u kien residenti f'Zabbar filwaqt li missieru jismu J DB (li kien mejjet fiz-zmien li twieled il-minuri). Jipprezenta wkoll nota b'kopja tal-karta tal-identita' tieghu[6] li turi d-data tat-twelid tieghu bhala s-7 ta' Novembru 1965, ghandu karta tal-identita' numru 533965M u twieled il-Pieta'. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni giet survolata wkoll.

---

[1] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit in atti a fol 4 tal-process
[2] Liema kuntratt huwa esebit a fol 5 tal-process
[3] Esebit a fol 31 tal-process
[4] Esebit a fol 36 tal-process
[5] Esebita a fol 33 tal-process
[6] Esebita a fol 39 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri J D li twieled nhar l-1 ta' Jannar 2012;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-twelid tal-minuri J D bin-numru ta' iskrizzjoni 381 tas-sena 2012, ihassar il-konnotati kollha tal-missier u ċioe' ta' R D u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta' A B, bil-karta tal-identita' numru 533965M, iben J DB li kien mejjet fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, mwieled il-Pieta' li fiz-zmien tat-twelid tat-tabija kellu 47 sena u kien residenti Zabbar.
Tordna wkoll li kunjom il-minuri jkun dak ta' B.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata C D.